MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2007

Talba Numru. 151/2007

**Aquatess Marketing Ltd**
**C 33435**

**Vs**

**Carmelo Farrugia**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta` Frar, 2007, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' sitt mija u tnejn u hamsin lira (Lm652) jew somma verjuri rapprezentanti prezz ta` merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali tat-2 ta` Novembru, 2006 u Lm10 ta` konsult u bl-imghax legali dekorribbli mid-data ta` din l-ittra ufficcjali sal-hlas effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut ghalkemm debitament notifikat baqa` ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet ta` l-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tas-6 ta` Lulju, 2007, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni taghhom u l-anqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz in-nuqqas ta` kontestazzjoni da parti tal-konvenut fil-konfront tat-talba attrici kif dedotta f'dan l-avviz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta' sitt mija u tnejn u hamsin lira (Lm652), bl-imghaxijiet legali dekorribbli mit-2 ta` Novembru, 2006 u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kif mitluba a karigu ta` l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------